MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2022

Appell Inferjuri Numru: 81/2021 LM

**Mario Farrugia (K.I. 675651M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Signal 8 Security Services Malta Limited (C54368)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Signal 8 Security Services Malta Limited (C54368)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-30 ta' Lulju, 2021, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li l-impjieg tar-rikorrent **Mario Farrugia** (K.I. 675651M) [minn issa 'il quddiem 'l-

appellat'] ġie itterminat inġustament, u għalhekk ordna lis-soċjetà intimata tħallsu kumpens ta' tmintax-il elf, ħames mija u għoxrin Euro (€18,520) fi żmien erba' ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn spjega li huwa għamel madwar disa' snin impjegat mas-soċjetà Sterling Security fis-sezzjoni tal-*cargo operations* tal-Air Malta, u f'Mejju tal-2018 kien hemm trasferiment tal-intrapriża, bir-riżultat li l-impjieg tiegħu ġie assorbit mis-soċjetà intimata skont ir-regolamenti tal-liġi sussidjarja 452.85. Ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat bħala *security guard,* u kien ilu jokkupa din il-kariga għal diversi snin, kemm mas-soċjetà Sterling Security kif ukoll mas-soċjetà intimata, fejn baqa' jagħti s-servizzi tiegħu fis-sezzjoni tal-*cargo operations* tal-kumpannija Air Malta. Qal li tul dawn is-snin huwa dejjem mexa b'mod responsabbli u diliġenti, u fis-snin li matulhom huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata qatt ma ngħata xi forma ta' twissija jew rapport. Ir-rikorrent spjega li kien hemm żmien meta huwa beda jinnota diskrepanzi fid-dħul tiegħu, u anki ġibed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu dwar dan. Qal li kien għalhekk li huwa għamel talba quddiem id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi (DIER) sabiex ikun jista' jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, fejn id-DIER tah raġun, u għalhekk id-dħul tiegħu u ta' sħabu beda jirrifletti dak li tistipula l-liġi. Ir-rikorrent qal li fl-10 ta' Jannar, 2020, għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30), huwa kien irċieva telefonata mingħand kollega tiegħu, li kellu jidħol xogħol fl-għaxra ta' filgħaxija (22:00) dakinhar stess, li infurmah li kellu urġenza

personali li minħabba fiha ma setax jidħol xogħol. Spjega li dak il-ħin huwa kellu żewġ għażliet, jew li jħalli l-uffiċċju waħdu, jew inkella li jidħol xogħol hu sabiex ikopri lill-kollega tiegħu, filwaqt li jħalli nota fl-uffiċċju li tgħid li kienet inqalgħet din l-urġenza. Ir-rikorrent qal li għażel li jidħol xogħol minflok il-kollega tiegħu, sabiex l-uffiċċju ma jitħalliex mingħajr uffiċjal tas-sigurtà, u dan minkejja li kien jaf li kellu jibqa' xogħol sal-ħdax u nofs ta' filgħodu, sabiex jaħdem ukoll ix-xift tiegħu. Qal li għalhekk huwa pprepara nota biex jinforma lis-superjuri tiegħu bis-sigħat li kien ħadem minflok dan il-kollega tiegħu, u ta r-raġunijiet għal dan. Qal li fit-28 ta' Jannar, 2020, huwa rċieva telefonata sabiex imur fl-uffiċċju tal-*general manager* tas-soċjetà intimata, fejn ġie infurmat li kien ser jingħata *warning* talli daħal xogħol mingħajr ma kien xift tiegħu. Spjega li l-jum ta' wara, fid-29 ta' Jannar, 2020, reġa' bagħat għalih il-*general manager,* li qallu li ma kellux jirrapporta aktar għax-xogħol, filwaqt li fit-30 ta' Jannar, 2020, ir-rikorrent ġie infurmat li l-imjpieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, u dan minħabba li skont is-soċjetà intimata, ir-rikorrent daħal xogħol biex ikun jista' jaħdem *over-time,* u għalhekk kiser ir-regolament li jistipula limitu ta' 173 siegħa xogħol. Ir-rikorrent spjega li huwa kien informa lis-superjuri tiegħu li huwa ma kienx niżżel is-sigħat maħduma minnu fit-*time-sheet* li timtela mill-ħaddiema, u li huwa kien daħal xogħol volontarjament sabiex l-uffiċċju ma jitħalliex waħdu. Qal li huwa ħaseb li l-kollega tiegħu Carmelo Micallef kien ser jinforma lis-superjuri tiegħu li huwa ma setax jidħol xogħol, u li s-sigħat tiegħu kienu ser jiġu koperti mir-rikorrent. Qal ukoll li huwa kien irċieva ittra mis-sezzjoni tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà intimata bid-data tat-28 ta' Jannar, 2020, fejn ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrent qal li huwa oġġezzjona għal din l-ittra u għat-tkeċċija

tiegħu mill-impjieg. Minkejja dan, is-soċjetà intimata baqgħet qatt ma rrispondietu, u kien għalhekk li r-rikorrent kien kostrett jipproċedi b'dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent spjega li huwa spiċċa mċaħħad mill-paga dovuta lilu għax-xahar ta' Jannar 2020, għaliex meta mar biex jiġbor il-paga, huwa ġie infurmat li kellu jiffirma l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, xi ħaġa li huwa ma kienx jaqbel magħha, u għalhekk la ffirma l-ittra u lanqas ingħata l-ħlas dovut lilu. Qal ukoll li konsegwenza ta' dan kollu, huwa la tħallas għall-perijodu tan-*notice* skont il-liġi, la ngħata ħlas għall-bilanċ tal-*leave* pendenti, u lanqas ma tħallas il-*bonuses* l-oħra li kienu dovuti lilu. Ir-rikorrent qal li din it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet forma ta' ritaljazzjoni għar-rapport li huwa kien għamel lid-DIER sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu u tal-kollegi tiegħu.

## Mertu

3. Is-soċjetà intimata ħadet il-pożizzjoni li t-terminazzjoni tar-rikorrent mill-impjieg kienet ġusta u skont il-liġi, u qalet li l-fatti spjegati mir-rikorrent mhumiex minnhom. Qalet li r-rakkont tar-rikorrent dwar xift li nħadem volontarjament huwa biss faċċata inveritiera għal xibka ta' aġir li hija ddeskriviet bħala "kriminali", ta' logħob bix-xifts, xifts mhux maħduma, talbiet għal sigħat li ma nħadmux, u li dawn kienu maħsuba biss biex jiffrodaw lis-soċjetà intimata. Qalet li r-rikorrent kien jabbuża mis-sistema ta' xiftijiet, u anki li kieku l-intenzjonijiet tar-rikorrent ma kinux "kriminali", xorta waħda kien hemm għadd ta' nuqqasijiet dwar il-mod kif kienu jinħadmu x-xiftijiet minnu. Is-soċjetà intimata allegat li kien hemm drabi meta r-rikorrent ma nstabx f'postu fil-ħin

tax-xogħol, li jfisser li dan jew kien rieqed waqt il-ħin tax-xogħol jew li ma kienx fuq il-post tax-xogħol. Qalet li dawn huma kollha raġunijiet suffiċjenti biex it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent titqies li hija waħda ġusta. Fil-parti konklussiva tar-risposta tagħha, is-soċjetà intimata qalet li din it-tilwima m'hija xejn għajr ritaljazzjoni għall-fatt li hija waqqfet l-aġir skorrett tar-rikorrent, u li kieku r-rikorrent kien ħaddiem leali u ħabrieki, hija ċertament li ma kinitx sejra titterminalu l-impjieg.

4. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa raġel ta' 69 sena. Qal li dakinhar li rċieva t-telefonata mingħand Carmelo Micallef, huwa naqas milli jivverifika jekk dan kienx informa lis-superjuri tiegħu li ma setax jirrapporta għax-xogħol, u l-unika ħaġa li għamel ir-rikorrent kienet li libes l-uniformi u mar ikopri x-xift tal-kollega tiegħu. Qal li dan seħħ fil-jum tal-Ġimgħa, u huwa informa lis-superjuri tiegħu b'dak li kien sar it-Tnejn ta' wara filgħodu. Ir-rikorrent qal li huwa ma daħħalx dan ix-xift li ħadem żejjed fit-*time sheet* li jippreżenta lill-kumpannija fl-aħħar tax-xahar, u qal li huwa la ried jiggwadanja flus u lanqas ma ried jiggwadanja tmien sigħat, preżumibbilment *leave* jew *time in lieu*, għal dan ix-xift li ħadem. Waqt id-depożizzjoni tiegħu, ir-rikorrent ikkonferma li tul is-snin kollha li kien ilu jaħdem mas-soċjetà intimata, huwa qatt ma ngħata xi forma ta' twissija la bil-miktub u lanqas verbalment. F'udjenza sussegwenti, ir-rikorrent ikkonferma li huwa qatt ma kellu problemi fuq il-post tax-xogħol, lanqas meta kien jaħdem mal-kumpannija Sterling Security. Ir-rikorrent qal li huwa kien sema' fuq programm tar-radju li ħaddiema bħalu kellhom jitħallsu b'rata partikolari fis-siegħa, u għalhekk kien iddeċieda li jressaq il-każ tiegħu quddiem id-DIER. Konsegwenza ta' dan, il-kumpannija li

kien jaħdem magħha r-rikorrent kellha tgħolli s-salarji tal-ħaddiema b'effett retroattiv. Ir-rikorrent qal ukoll li l-għada li huwa ħadem ix-xift ta' Carmelo Micallef, huwa kien informa lis-superjur tiegħu John Grixti, li huwa kien kopra x-xift ta' Micallef li ma setax jidħol xogħol. Ir-rikorrent qal ukoll li sussegwentement għal dan il-każ, huwa kien l-uniku impjegat li kien suġġett għal passi dixxiplinarji, u sostna li dan seħħ għaliex huwa kien jiġġieled għad-drittijiet tiegħu bħala ħaddiem. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa dejjem żamm f'moħħu li jekk tinqala' xi ħaġa fuq il-post tax-xogħol, il-ħames *security officers* impjegati mas-soċjetà intimata kienu jitilfu posthom kollha, għaliex il-post fejn kienu jaħdmu kien wieħed sensittiv. Żied jgħid li huwa sar jaf li għal dik il-ġurnata partikolari li huwa kopra x-xift ta' Carmelo Micallef, is-soċjetà intimata la ħallset lilu u lanqas lil Micallef.

5. **Jonathan Aquilina**, *operations manager* mas-soċjetà intimata spjega li dakinhar li seħħ l-każ li wassal għal dawn il-proċeduri, huwa kien ġie kkuntattjat mill-*field officer,* li kien qallu li ma seta' jagħmel l-ebda kuntatt mas-*security officer* li kien *on duty* fuq ġewwa. Qal li din kienet ronda ta' rutina sabiex jiġi stabbilit jekk is-*security officer* ma jkunx rieqed fuq il-post tax-xogħol, u li dan qiegħed jagħmel ix-xogħol li suppost jagħmel. Ix-xhud qal li dakinhar lilu ħadd ma infurmah b'dan it-tibdil fix-xiftijiet, u l-*policy* tal-kumpannija hija li ma jkunx hemm tibdil fix-xiftijiet bejn l-impjegati. Qal ukoll li kull ħaddiem tal-kumpannija ma jistax jaqbeż 173 siegħa xogħol fix-xahar, u meta jiġri hekk il-kumpannija jkollha tħallas aktar flus għall-*overtime,* b'telf ta' flus għall-kumpannija. Qal li dakinhar li seħħ il-każ, huwa pprova jikkuntattja lis-*security officer* li suppost kien xogħol għaliex mingħalih kien dan li daħal xogħol, u huwa baqa' ma ġiex

mgħarraf li kien ir-rikorrent li ħadem dak ix-xift partikolari. Qal li r-rikorrent kien qiegħed iħaddem sistema fejn ma jniżżilx is-sigħat kollha li jkun ħadem fuq it-*time sheet* li jippreżenta lill-kumpannija, iżda dan kellu l-prova tal-*log book* tal-kumpannija li huwa kien xogħol, u għalhekk xorta waħda kellu mezz kif jassigura li jitħallas għas-sigħat kollha li jkun ħadem. Ix-xhud qal li din l-istorja bdiet meta s-CEO tal-kumpannija avviċinah u qallu li r-rikorrent kien qiegħed jilmenta dwar l-*overtime.* Qal li kien għalhekk li beda jagħmel ir-*roster* huwa stess sabiex jassigura li l-ħaddiema jingħataw 173 siegħa xogħol, iżda fl-aħħar tax-xahar xorta waħda beda jmur fuqu r-rikorrent u jgħidlu li huwa kien ħadem 180 siegħa. Qal li kien hemmhekk li huwa skopra li r-rikorrent kien qiegħed jaħdem ix-xiftijiet ta' ħaddieħor sabiex jaqbeż il-173 siegħa xogħol stabbiliti. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li r-rikorrenti ġieli kellu twissijiet bil-miktub. Ix-xhud qal li l-kumpannija ma setgħetx tħallas għall-*overtime,* u għalhekk bħala kumpannija huma kellhom joqogħdu attenti li ħadd ma jaqbeż il-173 siegħa xogħol, għaliex inkella l-ħlas ikollu jsir bir-rata ta' siegħa u nofs għal kull siegħa xogħol. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien ilu diversi xhur jitlob ħlas għall-*overtime,* minkejja li huwa kien iddeċieda li jieħu r-*roster* tal-ħaddiema f'idejh sabiex jassigura li dan ma jaqbiżx il-limitu tas-sigħat. Qal li minflok iniżżel it-total tas-sigħat fuq it-*time sheet* ipprovduta mill-kumpannija, ir-rikorrent kien jistrieħ fuq il-*log book* sabiex kull tant żmien jitlob ħlas għas-sahra. Ix-xhud qal li anki meta r-rikorrent resaq quddiem id-DIER, dan għamel hekk minħabba f'diskrepanza fil-paga dovuta għas-sigħat żejda li kien qiegħed jaħdem, u kien ġie stabbilit li dan kien qiegħed jidħol għax-xogħol minn jeddu. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien wieħed mill-aqwa uffiċjali tas-sigurtà li kellha l-kumpannija, iżda l-problema tiegħu kienet li huwa ma kienx isegwi l-proċeduri stabbiliti mill-

kumpannija. Ix-xhud iċċara wkoll li l-ħlas lill-impjegati jsir abbażi tat-*time sheet* li jippreżentata u mhux abbażi ta' dak li jinkiteb fuq il-*log book.* Ix-xhud qal ukoll li l-kumpannija kellha sistema fejn ħaddiem li ma jistax jirrapporta għax-xogħol għal xi raġuni, seta' jċempel u javża li ma setax jaħdem xift partikolari. Żied jgħid li huwa kien ġie mgħarraf li r-rikorrent ġieli avviċina xi ħaddiema u talabhom biex huwa jaħdmilhom ix-xiftijiet tagħhom. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li seħħ il-każ li wassal għal dawn il-proċeduri, Carmelo Micallef ma kien informa lil ħadd li ma setax jaħdem ix-xift tiegħu.

6. **Sandra Gatt**, Direttur fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi, spjegat li fl-2015 kien ħareġ Avviż Legali li kien maħsub biex jirregolarizza l-prekarjat sabiex jiġi assigurat li l-ħlasijiet lill-ħaddiema jsiru kif suppost, liema regolamenti għandhom jiġu segwiti minn kull kuntrattur li jħaddem in-nies. Ix-xhud qalet li hija ma taf xejn dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg.

7. **John Grixti** spjega li huwa *ground manager and cargo operations* mal-Air Malta, u qal li huwa jaf li r-rikorrent huwa wieħed mis-*securities* li kienet tibgħat fuq il-post tax-xogħol is-soċjetà intimata. Qal li r-rikorrent ma kienx impjegat tal-Air Malta imma tal-kuntrattur, u għalhekk huwa ma jafx jekk dan qattx ingħata xi forma ta' twissija. Ix-xhud qal li huwa jaf li r-rikorrent kien jagħmel x-xogħol tiegħu b'diliġenza, u żied jgħid li huwa ma jafx x'ġara fl-10 ta' Jannar, 2020, għalkemm qal li għall-Air Malta l-importanti kien li dejjem ikun hemm *security officer* fejn meħtieġ, u mhux min ikun is-*security.*

## Id-Deċiżjoni Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Lulju, 2021, it-Tribunal iddeċieda li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat inġustament, u iffissa l-kumpens li għandu jitħallas lilu fl-ammont ta' €18,520, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

*Il-kwistjoni li t-Tribunal kellu quddiemu kienet waħda pjuttost sempliċi għaliex ried jistabbilixxi jekk l-aġir tar-rikorrent li jidħol jaħdem minflok il-kollega tiegħu kinitx waħda xprunata minn sens ta' responsabbilità lejn il-post tax-xogħol u lealtà lejn il-kumpannija li timpjegah jew inkella parti minn skema ta' abbużi fit-tħaddim tax-xiftijiet. Kemm-il darba jkun il-każ, it-Tribunal ried jiddeċiedi jekk l-azzjoni ta' terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kinitx waħda proporzjonata u ġusta skont il-Liġi.*

***1 <u>Ix-xift tal-10 ta' Jannar, 2020</u>***

*Is-Sur Farrugia rċieva telefonata fid-9.30pm mingħand il-kollega tiegħu, is-Sur Carmelo Micallef, li kien skedat li jidħol jaħdem fix-xift tal-10.00pm, fil-Cargo Section tal-Air Malta. Is-Sur Micallef talab lis-Sur Farrugia biex jidħol jaħdem minfloku għal raġunijiet ta' emerġenza personali. Ir-reazzjoni tas-Sur Farrugia kienet li jitlaq minn idejh u jidħol għax-xogħol kif fil-fatt għamel. Is-Sur Farrugia jispjega li l-Cargo Section tal-Air Malta huwa post sensittiv u meta nqala' l-bżonn hu ħass li kellu jirrispondi immedjatament speċjalment għall-fatt li kien hemm biss nofs siegħa ħin biex jivvjaġġa għall-post tax-xogħol u jibda x-xift.*

*Is-Sur Farrugia informa bit-tibdil tal-persuni fix-xift lill-General Manager tal-Cargo Section is-Sur Grixti li ma sab ebda oġġezzjoni għal dan. Ir-rikorrent iżid li mela l-log book għax-xift ta' 10.00pm tal-10 ta' Jannar, 2020 fejn irrapporta dak li kien għamel matul l-istess xift. Fl-14 ta' Jannar anki għamel rapport fuq it-talba tal-Operations Manager is-Sur Jonathan Aquilina dwar l-istess tibdil fix-xift.*

*Minkejja dan, is-Sur Farrugia jinsisti li hu ma meliex it-time sheet għax-xift tal-10 ta' Jannar, 2020 għaliex ix-xift m'għamlux bl-iskop ta' ħlas imma biex jaqdi l-eżiġenza urġenti tal-mument. Hu jargumenta li la darba ma titniżżilx fit-time sheet, hu qatt ma seta' jistenna ħlas. Mill-atti joħroġ li l-kumpannija kienet tosserva proċedura stretta*

*ta' massimu ta' mija u tlieta u sebgħin (173) siegħa xogħol fix-xahar għal kull impjegat biex tevita milli tħallas l-overtime.*

*Ġie osservat ukoll li ebda evidenza ma tressqet li b'xi mod tindika li s-Sur Carmelo Micallef għarraf lis-superjuri tiegħu li hu kien talab lis-Sur Mario Farrugia biex jidħol jaħdem minfloku. Ir-responsabbilità primarja ta' min għandu jinforma lill-management dwar it-tibdil jaqa' fuq min qed jitlob li jsir it-tibdil. Kien ikun sewwa li s-Sur Carmelo Micallef informa wkoll lis-superjuri tiegħu bl-emerġenza personali u li kien talab lis-Sur Farrugia jidħol minfloku.*

*Kien nuqqas li dan ma sarx għaliex il-maniġment kellu kull dritt ikun jaf b'dan l-arranġament. F'dan ir-rigward it-Tribunal isibha stramba kif il-kumpannija tagħżel li tinjora dan in-nuqqas minn min kien responsabbli li jinfurmaha, tagħżel li ma tpoġġi l-ebda piż fuq dan in-nuqqas u minflok tpoġġi l-piż kollu anki sal-punt li tittermina l-impjieg ta' min akkomoda t-talba għat-tibdil fix-xift.*

*Minn din l-evidenza t-Tribunal ma jsib xejn fl-aġir tas-Sur Farrugia li jindika li l-akkomodazzjoni raġonevoli li għamel lis-Sur Micallef kienet motivata minn xi skop ta' abbuż imma jindika aġir ta' kooperazzjoni u pragmatiżmu responsabbli biex post sensittiv bħal Cargo Operations tal-Air Malta ikun kopert bis-sigurtà ta' gwardjan kif suppost.*

***2 Performance tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol***

*Is-Sur Farrugia ħadem għal disa' snin ma' Sterling Security u tliet snin ma' Signal 8 Services Malta Ltd fejn tul dan iż-żmien ħadem dejjem fis-sezzjoni tal-Cargo Operations tal-Air Malta.*

*Is-Sur Farrugia xehed li hu kien jieħu x-xogħol bis-serjetà għaliex dejjem fehem li jekk jintilef il-kuntratt li l-kumpannija għandha mal-Air Malta, kien se jkun hemm diversi nies li se jintlaqtu ħażin, inkluż huwa stess. Hu jgħid li għalhekk meta kellu talba min sieħbu biex jidħol jaħdem minfloku, hu ħassu responsabbli lejn il-post tax-xogħol tiegħu u daħal jaħdem biex il-Cargo Section tal-Air Malta tkun moqdija minn servizz ta' sigurtà kif meħtieġ. Din il-pożizzjoni tar-rikorrent kienet konsistenti tul il-proċess kollu fejn is-Sur Farrugia baqa' jargumenta li fil-ħin li nqala' l-bżonn hu għamel dak li impjegat tajjeb mistenni li jagħmel, iġifieri, ikun flessibbli u jirrispondi għall-bżonn mingħajr diffikultajiet żejda. Is-Sur Farrugia xehed diversi drabi li tul il-karriera tiegħu, hu qatt ma kien ingħata xi "warning" la bil-kliem u lanqas bil-miktub.*

*Il-General Manager tal-Cargo Section tal-Air Malta s-Sur Grixti jikkorrabora din l-imġiba billi ddeskriva lis-Sur Farrugia bħala strett fix-xogħol anzi qal li xi kultant strett iżżejjed – Ref. Seduta 5 ta' Marzu, 2021.*

*L-Operations Manager tal-kumpannija appellata s-Sur Jonathan Aquilina jgħid li s-Sur Farrugia kien wieħed mill-aqwa Security Officers li l-kumpannija kellha – Ref. Seduta 5 ta' Marzu, 2021.*

*Fl-istess ħin l-Operations Manager jgħid li s-Sur Farrugia ma kienx jimxi mal-proċeduri tal-kumpannija, anzi jallega li r-rikorrent kien abitwat ibiddel ix-xiftijiet ma' sħabu, jiffalsifika d-dokumenti u jallega wkoll li jisraq l-ilma minn fuq il-post tax-xogħol. Iżda l-ebda evidenza għal dan ma kienet prodotta – Ref. Seduta tal-5 ta' Marzu, 2021.*

*Is-Sur Aquilina jgħid li s-Sur Farrugia ma niżżilx ix-xift fit-time sheet biex filwaqt li ma jitħallasx ikollu l-opportunità juri li sar ix-xogħol permezz tal-log book u jieħu r-raġun meta hu jirrapporta l-każ lid-dipartiment (DIER). Skont l-Operations Manager, l-intenzjoni tas-Sur Farrugia kienet li jakkuża lill-kumpannija li mhux tħallas tax-xogħol kif suppost u jpoġġi lill-kumpannija f'dawl ikrah – Ref. Seduta 2 ta' Ottubru, 2020. Il-kumpannija appellata ma ppreżentat ebda evidenza ta' imġieba bħal din mis-Sur Farrugia. Għaldaqstant, it-Tribunal iqis dan id-diskors sempliċement bħala spekulazzjoni.*

*Is-Sur Aquilina jżid juri d-dwejjaq tiegħu li s-Sur Farrugia kien jistaqsi lil maniġment biex jikkjarifika aspetti mill-payslip tiegħu fl-aħħar tax-xahar. Juri wkoll id-dwejjaq tiegħu meta s-Sur Farrugia jmur id-DIER biex jistaqsi informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħu u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu – Ref. Seduta 2 ta' Ottubru, 2020.*

*It-Tribunal ifakkar li d-DIER huwa istituzzjoni pubblika maħluqa biex tiggwida lill-impjegati u anki lil min iħaddem dwar ir-relazzjonijiet industrijali u l-impjiegi. Meta ħaddiem jirrikorri għal pariri tad-DIER ma jkun qed jagħmel xejn ħażin anzi jkun qed imur f'ras il-għajn minn fejn jieħu informazzjoni korretta. Għalhekk b'ebda mod min iħaddem m'għandu jeħodha kontra xi impjegat tiegħu meta jirrikorri għal parir tad-dipartiment. Fil-fatt kienet il-kumpannija appellata flimkien mal-kumpannija li mingħandha xtrat in-negozju li nstabu fl-iżball meta s-Sur Farrugia irrikorra għand id-dipartiment dwar diskrepanza fir-rata li biha hu u sħabu kienu qed jitħallsu. Id-Direttur tad-DIER spjegat ċar kif wara li d-dipartiment għamel l-investigazzjonijiet tiegħu, il-ħaddiema inkluż is-Sur Farrugia ħadu eluf ta' euros f'arretrati.*

*Is-Sur Aquilina jixhed li t-tibdil fix-xift mingħajr mal-maniġment ikun jaf hija ħaġa serja ħafna speċjalment f'post sensittiv bħall-Air Malta. Però minkejja dan, it-Tribunal jiskanta kif l-Operations Manager la qatt żar dan il-post tax-xogħol u lanqas kien jaf l-isem tal-General Manager ta' dan il-post sensittiv.*

*Barra minn hekk filwaqt li s-Sur Aquilina jixhed li l-impjegat li kien sostitwit mis-Sur Farrugia, kien ingħata "warning" għall-fatt li kien biddel ix-xift, l-Operations Manager*

*anqas kien jaf li dan l-impjegat kien is-Sur Carmelo Micallef. Kontinwament beda jirreferi għal impjegat ieħor ċertu Ron Farrugia. Filfatt evidenza ta' din l-imsemmija "warning" qatt ma ġiet ippreżentata fl-atti. L-istess ġara meta s-Sur Aquilina xehed li s-Sur Farrugia kien effettivament ingħata warnings bil-miktub tul iż-żmien li għamel impjegat mal-kumpannija iżda fl-istess ħin naqas li jippreżenta evidenza fl-atti.*

*Meta t-Tribunal ħares lejn ix-xhieda konsistenti tas-Sur Mario Farrugia u l-inkonsistenza tal-Operations Manager is-Sur Jonathan Aquilina kif ukoll l-evidenza jew in-nuqqas tagħha, jiddeċiedi li l-kredibbilità qegħda fuq in-naħa tas-Sur Farrugia. Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn li b'xi mod jirrifletti ħażin fuq il-performance fuq il-post tax-xogħol tas-Sur Farrugia.*

***3 <u>Proċess dixxiplinarju</u>***

*Il-proċess li wassal għat-terminazzjoni beda fit-28 ta' Jannar, 2020 meta l-General Manager tal-kumpannija s-Sur Floyd Grech informa lis-Sur Farrugia li kien se jagħtih "warning". Fil-fatt is-Sur Farrugia ma ngħatax "warning" imma fit-30 ta' Jannar, 2020 kellu l-impjieg tiegħu tterminat. L-ittra tat-terminazzjoni telenka akkużi, tiġbed konklużjonijiet u twassal għal deċiżjoni ta' terminazzjoni mill-impjieg. Iżżid tgħid li kemm-il darba r-rikorrent irid jikkontesta t-tkeċċija jista' jikkuntattja lill-HR maniġer biex is-Sur Farrugia jagħti l-verżjoni tiegħu. L-ittra li ġġib id-data tat-28 ta' Jannar, 2020 kienet mgħoddija lis-Sur Farrugia fis-7 ta' Frar, 2020.*

*It-Tribunal jinnota li ma kien hemm ebda attentat biex isir proċess ta' dixxiplina li fih ir-rikorrent seta' jippreżenta l-każ tiegħu forsi anki bl-assistenza ta' persuna tal-fiduċja tiegħu.*

*Anki li kieku wieħed kellu jikkonsidra l-laqgħa fl-uffiċċju tas-Sur Floyd Grech fit-28 ta' Jannar, 2020 bħala proċess ta' dixxiplina, il-proċess kien ivvizzjat u allura bla effett.*

*Il-persuna li għamlet l-akkużi jiġifieri s-Sur Floyd Grech, kien l-istess persuna li sema' l-ispjega taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-stess persuna li wera preġudizzju serju "*dan bravu ħafna ta ... dan li jmurilna għand id-DIER ta u jirrappurtana*", l-istess persuna li għajjar lis-Sur Farrugia "*galantom*", l-istess persuna li għajjat mas-Sur Farrugia, l-istess wieħed li qallu li se joħroġlu "*warning*" imbagħad biddel il-ħsieb u minflok itterminalu l-impjieg.*

*Għalhekk it-Tribunal jiskanta kif l-HR maniġer tistenna li tkun kredibbli meta tistieden lir-rikorrent jikkonstesta d-deċiżjoni wara l-mod żbilanċjat u skorrett ta' kif tmexxa l-proċess ta' dixxiplina. Proċess li anqas ta ċans li r-rikorrent ikun assistit minn persuna tal-fiduċja tiegħu. Infatti fil-mument li r-rikorrent irrisponda għall-ittra tal-*

*kumpannija permezz tal-avukatessa Elaine Degiorgio datata 11 ta' Frar, 2020, is-soċjetà intimata naqset milli tirrispondi.*

*It-Tribunal jipprova jifhem ukoll kif il-kumpannija sservi lis-Sur Farrugia bil-piena kapitali fil-qasam tax-xogħol jiġifieri tkeċċija mill-impjieg filwaqt li l-impjegat li talab lis-Sur Farrugia biex jidħol jaħdem minfloku, mhux biss jibqa' fl-impjieg imma anqas evidenza ta' "*warning*" fil-konfront tiegħu ma kienet esebita. Dan huwa żbilanċ fil-mod kif il-General Manager u l-Operations Manager jittrattaw mal-impjegati tagħhom, atteġġjament li jservi biss ta' ħsara għall-kumpannija.*

*Li kieku sar smigħ ġust tal-każ mill-kumpannija, kif sar quddiem dan it-Tribunal, kien jinstab li s-Sur Mario Farrugia ma kienx biss wieħed mill-aħjar impjegati imma kien ħaddiem eżemplari għaliex mhux biss jagħmel xogħlu sewwa imma jmur lil hinn minn dak li kien mistenni minnu u jirrispondi b'responsabbilità fil-mument meħtieġ. Ħaddiema bħal dawn għandhom ikunu nnotati u apprezzati u meta dan ma jsirx, ma jirrifletti xejn fuq l-impjegat imma jirrifletti ħafna fuq min iħaddimhom.*

*It-Tribunal jistmerr il-mod kif ħaddiem serju ta' disgħa u sittin (69) sena jkun trattat b'dan il-mod b'detriment għar-reputazzjoni tiegħu. Kellu raġun is-Sur Farrugia jistaqsi lis-Sur Floyd Grech – "*jien talli użajt ir-responsabbilità għandi niġi stmat hekk?"

*Ir-risposta hija le u għalhekk illum is-Sur Mario Farrugia għandu joħroġ b'rasu mgħollija minn dan it-Tribunal għaliex ir-reputazzjoni tajba tiegħu ġiet restitwita u għaldaqstant ikun ta' akkwist kbir għal min ikollu l-privileġġ li jimpjegah.*

***Deċiżjoni***

*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrent is-Sur Mario Farrugia kien terminat mix-xogħol inġustament u għalhekk mhux skont il-Liġi.*

***Kumpens***

*Is-soċjetà Signal 8 Services Malta Ltd tħallas b'kumpens lis-Sur Mario Farrugia fi żmien erba' ġimgħat minn din id-data s-somma ta' tmintax-il elf, ħames mija u għoxrin euro (€18,520).*

*L-ispejjeż tal-kawża taż-żewġ partijiet huma a karigu tas-soċjetà intimata."*

**L-Appell**

9. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell fl-10 t'Awwissu, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, appellanta f'din l-istanza. In suċċint, skont l-aggravji tas-soċjetà appellanta: (i) it-Tribunal kien legalment żbaljat meta fil-bidu tad-deċiżjoni appellata illimita l-parametri tad-deċiżjoni tiegħu dwar jekk kienx hemm intenzjoni ħażina jew le da parti tal-appellat; (ii) it-Tribunal naqas li jikkonsidra s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta, u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet *one-sided* u irregolari; (iii) it-Tribunal ħareġ barra l-limiti tal-kompetenza tiegħu meta kkonsidra r-'reputazzjoni' tal-appellat, u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqha; u (iv) l-kumpens ingħata bi ksur tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u huwa wieħed eċċessiv.

10. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata għaliex hija konvinta li l-imġiba ta' Mario Farrugia kienet intiża biex tiffrodaha, u anki li kieku ma kienx hemm din l-intenzjoni, l-imġiba tar-rikorrent kienet tikkostitwixxi raġuni ġusta għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Qalet li l-fatt waħdu li l-appellat qabad u bidel ix-xiftijiet mingħajr ma informa lis-superjuri tiegħu, jikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-kumpannija u għalhekk tal-impjieg, u din l-imġiba kienet waħda riskjuża meta wieħed iqis id-delikatezza tal-post tax-xogħol in kwistjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal żbalja meta llimita l-parametri tad-deċiżjoni tiegħu dwar jekk kienx hemm intenzjoni ħażina jew le, u għamlet riferiment għall-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal rigward jekk l-aġir tal-appellat kienx xprunat minn sens ta' responsabbilità jew inkella minn 'skema

ta' abbuż'. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li meta għamel hekk, it-Tribunal telaq minn bażi żbaljata, għaliex l-artikolu 2 tal-Kap. 452 ma jgħidx li l-intenzjoni ħażina hija prerekwiżit għas-sejbien ta' kawża ġusta tat-terminazzjoni *o meno*. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal kien kompletament żbaljat meta illimita ruħhu biex jagħmel konsiderazzjoni limitata aktar minn dak li tipprovdi l-liġi, għaliex mhux minnu li t-Tribunal kellu jara biss jekk kienx hemm sistema ta' abbuż, għaliex il-kawża ġusta kienet ukoll fil-fatt illi nkisru r-regoli u d-direzzjonijiet tal-kumpannija, sar tibdil fix-xift mingħajr ma ġiet mgħarrfa l-kumpannija. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Jonathan Aquilina, li spjega għal liema raġunijiet huwa daqstant importanti li impjegat ma jidbilx ix-xiftijiet tiegħu, u qalet li din ix-xhieda kellha twassal lit-Tribunal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg saret għal raġuni ġusta. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal telaq minn prinċipju legali ħażin meta kkonkluda li t-terminazzjoni setgħet tkun ġusta biss jekk ikun hemm intenzjoni ta' frodi. Qalet ukoll li lil hinn mill-apprezzament tal-fatti, il-bażi tar-raġunament tat-Tribunal kien wieħed għal kollox inkorrett mill-punto di vista ta' dritt. L-appellanta qalet li dan l-aggravju huwa dwar punt ta' dritt, għaliex it-Tribunal impona fuqu nnifsu limitazzjoni legali li l-liġi ma timponilux, u dan meta ddikjara li huwa kellu biss jiddetermina jekk f'dan il-każ kienx hemm frodi jew le. Qalet li dak li ġara kellu jwassal għall-konklużjoni li hija kellha raġuni ġustifikata biżżejjed għat-terminazzjoni.

11. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa dwar il-mod kif iddeċieda t-Tribunal. Spjegat li minn qari tad-deċiżjoni huwa evidenti li t-Tribunal kien għal kollox *one-track minded,* u d-deċiżjoni appellata hija prattikament eżerċizzju fuq

naħa waħda maħsuba biex taqdi lill-appellat. Qalet li sabiex ġudikant jasal għal deċiżjoni, dan irid iqis il-provi kollha prodotti, iżda li f'dan il-każ ma sarx hekk. Qalet li t-Tribunal iddedika spazju għal *statements* emottivi li permezz tagħhom Mario Farrugia joħroġ bl-unuri, iżda ma sabx ħin iwieżen ix-xhieda kif suppost, jew imqar jiġġustifika jew jispjega kif wasal għas-somma likwidata. Qalet li proċess serju, ġust u imparzjali ma kellux iwassal għad-deċiżjoni li ta t-Tribunal. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal qiegħed jabbraċċja imġiba ħażina ta' impjegat, li wara kollox naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-kumpannija, lagħab bir-*roster* kif ried hu mingħajr ma avża lil ħadd, u ġie ppremjat talli għamel hekk. Qalet li agħar minn hekk, fl-età tiegħu, l-appellat ingħata kumpens qawwi, meta huwa ilu seba' snin jirċievi l-pensjoni. L-appellanta qalet li l-logħba tal-appellat hija ċara – fuq ir-*roster tal-kumpannija* ikun indikat li persuna partikolari qegħda fuq il-lant tax-xogħol. Spjegat li l-ispetturi tagħha jmorru fuq il-post u jċemplu lill-persuna indikata fuq ir-*roster* biex tiftħilhom, iżda dik il-persuna ma tkunx tista' tiftaħ, għaliex tkun id-dar rieqda bil-*mobile* mitfi. Spjegat li l-għada filgħodu l-appellat seta' jinforma lill-ispettur li huwa kien qiegħed xogħol minflok il-persuna indikata fuq ir-*roster,* iżda l-ispettur ma jkunx jista' jivverifika dan, għaliex huwa jkun ċempel lill-persuna indikata fuq ir-*roster.* Qalet li dan jagħti lok għal żewġ abbużi, l-ewwel li l-appellat seta' jibqa' d-dar rieqed ukoll mingħajr perikolu li lilu ser iċempillu l-ispettur, filwaqt li ż-żona li suppost tkun mgħassa minn impjegat, titħalla waħedha. It-tieni lok għal abbuż huwa li l-appellat, li jkun diġà għaqqad l-40 siegħa xogħol, imur għax-xogħol, jimmarka x-xift bħala *overtime,* u jitħallas aktar għal dik il-ġimgħa partikolari. Il-ġimgħa ta' wara jagħmel l-istess ħaddieħor, u għalhekk fl-aħħar tax-xahar kull impjegat kien qiegħed jitħallas għall-*overtime* minkejja li jkun ħadem biss 173 siegħa.

Qalet ukoll li din ma kinitx l-ewwel darba li ġrat. Is-soċjetà appellanta qalet li mhux kredibbli l-appellat jgħid li huwa m'għamilx dan bl-iskop li jitħallas, iżda biss sabiex jassigura li jkun hemm sigurtà fl-ajruport ta' Malta, partikolarment minħabba li fuq kwistjoni li tinvolvi ftit Euro, l-appellat mar għand id-DIER. Is-soċjetà appellanta allegat ukoll f'dan l-aggravju tagħha, li wara li ġara dan il-każ, hija saret taf b'istanzi oħra ta' imġiba mhux korretta da parti tal-appellat, iżda ma spjegatx x'kienu. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ġie ttradut mill-maskra li nħeba warajha l-appellat, meta dan jaf li kienet l-imġiba tiegħu li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta staqsiet ukoll għal liema raġuni l-appellat ma tellax jixhed lill-persuna li huwa daħal jaħdem minflokha.

12. Fit-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li d-deċiżjoni appellata hija nulla u invalida għaliex ġiet deċiża abbażi tar-reputazzjoni tal-appellat u mhux fuq prinċipji li jirregolaw il-liġi tax-xogħol. Qalet li minn qari tad-deċiżjoni, għandu jkun evidenti li r-reputazzjoni tal-appellat lagħbet rwol importanti fil-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, tant hu hekk li t-Tribunal isemmiha darbtejn, inkluż qabel għadda biex iddeċieda l-każ. Qalet li meta għamel hekk, it-Tribunal ħareġ għal kollox 'il barra mill-parametri li ttih il-liġi sabiex jiddeċiedi dwarhom. Is-soċjetà appellanta qalet li din ma kinitx kawża ta' libell, iżda kawża dwar tkeċċija inġusta, u l-kompetenza tat-Tribunal hija dik skont il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li l-liġi ma tagħti lit-Tribunal l-ebda kompetenza li jikkumpensa lill-impjegat minħabba xi idea vaga ta' telf ta' reputazzjoni.

13. Ir-raba' aggravju tas-soċjetà appellanta huwa dwar il-kumpens li ngħata lill-appellat. Qalet li l-appellat għandu 69 sena, u ilu seba' snin li leħaq l-età pensjonabbli, imma minkejja dan, it-Tribunal tah kumpens fl-ammont ta' €18,520 f'danni, mingħajr ebda spjegazzjoni ta' xejn. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa dritt bażilari amministrattiv li l-kwantifikazzjoni ma ssirx b'dan il-mod, għaliex it-Tribunal donnu tefa' l-ammont bl-addoċċ, mingħajr imqar spjegazzjoni qasira, u bi ksur tal-liġi. Qalet li minkejja li t-Tribunal għandu diskrezzjoni sabiex jillikwida l-kumpens, dan ma jfissirx li huwa eżentat milli jipprovdi raġunijiet u motivazzjonijiet fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, kif ikkonfermat din il-Qorti diversi drabi oħra. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jispjega kif wasal għas-somma akkordata lill-appellat, u huwa diffiċli li wieħed jiġġustifika din is-somma b'mod li jagħmel sens. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għandu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod li juri ekwità u proporzjonalità, u f'dan il-każ il-likwidazzjoni tal-kumpens hija nieqsa minn dawn iż-żewġ ingredjenti.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. Fir-risposta tiegħu, l-appellat wieġeb li huwa jemmen li fl-ewwel lok għandu jindirizza dawk li huwa sejjaħ bħala 'fatti żbaljati' li s-soċjetà appellanta rrepetiet quddiem din il-Qorti. Qal li minkejja li s-soċjetà appellanta regħet fetħet attakk fuqu sabiex tiġġustifika t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u reġgħet għamlet għadd ta' allegazzjonijiet serji fil-konfront tiegħu, din naqset milli iġġib prova fattwali waħda dwar dawn l-allegazzjonijiet. Qal li s-soċjetà appellanta setgħet ippreżentat it-*time-sheets* u l-*log books* bħala prova li l-appellat kien

qiegħed jipprova jaħdem sigħat iżjed mil-limitu stabbilit mill-kumpannija. Qal li dan l-appellanta m'għamlitux, u minflok għażlet li tibbaża d-difiża tagħha fuq allegazzjonijiet mingħajr ebda bażi fattwali. Qal ukoll li mill-mod kif inhu miktub ir-rikors tal-appell, għandu jirriżulta li s-soċjetà appellanta għadha s'issa ma temminx li dakinhar li huwa bidel ix-xift mal-kollega tiegħu, huwa rrapporta għax-xogħol, u dan mingħajr ma ġabet imqar prova waħda biex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha.

15. L-appellat għamel riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, u qal li l-bażi li fuqha hija mibnija d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda tajba u ċara ħafna. Qal li t-Tribunal kellu quddiemu t-tkeċċija ta' impjegat li seħħet għaliex daħal jaħdem xift li kellu jinħadem minn kollega tiegħu li inqalgħatlu problema fl-aħħar mument. L-appellat qal li filwaqt li huwa spiċċa imkeċċi mill-impjieg, l-impjegat l-ieħor għadu jaħdem mas-soċjetà appellanta. L-appellat qal li t-Tribunal kellu obbligu legali li jidħol fid-dettall dwar l-allegazzjonijiet ta' frodi u x-xibka ta' kriminalità li tant għafset fuqha s-soċjetà appellanta fix-xhieda tagħha, u qal li minkejja dak kollu li ngħad, is-soċjetà appellanta naqset li tipprova li kien hemm xi aġir frawdolenti jew kriminali min-naħa tiegħu. Qal li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li mhuwiex ġust li ħaddiem li għamel xogħlu u daħal għax-xogħol, spiċċa penalizzat, filwaqt li ħaddiem li ma daħalx għax-xogħol ħelisha ħafif.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li dan l-aggravju jammonta għal attakk insensat fuq it-Tribunal, li b'reqqa u kawtela wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellat qal li filwaqt li s-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal m'apprezzax biżżejjed il-provi miġjuba kontra

tiegħu, l-unika prova prodotta mis-soċjetà appellanta hija x-xhieda ta' Jonathan Aquilina, *operations manager* ta' Signal 8. Qal li din ix-xhieda ma ssostanzjat xejn mill-akkużi serji miġjuba kontra l-appellat, u t-Tribunal għalhekk kellu quddiemu allegazzjonijiet infondati li wassluh biex ma jsib l-ebda ħtija fl-appellat, u l-ebda ġustifikazzjoni għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Qal li kull ħaddiem għandu drittijiet li ma jinbidlux skont l-età ta' dak li jkun, u r-rispett lejn il-ħaddiem għandu jibqa' dejjem, irrispettivament mill-età tal-ħaddiem. Kompla jgħid li huwa għamilha ċara diversi drabi li huwa qatt ma tħallas tal-*overtime,* u qatt ma talab li jitħallas għal xogħol *overtime.* Qal li anki x-xhud Sandra Gatt kienet spjegat li huwa kien għamel ilment dwar flus inqas li hu u kollegi tiegħu kienu qegħdin jirċievu mingħand Sterling Security, u imbagħad mingħand Signal 8, u dan bi ksur tar-regoli tax-xogħol li jimponu li *security* ma' kumpanniji privati li jaħdmu f'dipartiment tal-Gvern, għandhom jitħallsu l-istess daqs ħaddiema 'tal-Gvern'. L-appellat qal li dan kien każ li ġġieled għalih hu, u li miegħu gawdew l-impjegati kollha tas-soċjetà appellanta. Qal ukoll li l-uniku xhud prodott mis-soċjetà appellanta, ikkonferma li huwa kien diliġenti f'xogħlu, u dan fl-istess waqt li s-soċjetà appellanta allegat li huwa kriminal, giddieb u frodist. B'riferiment għall-fatt li l-kollega tiegħu ma ttellax jixhed, l-appellat qal li kienet is-soċjetà appellanta stess li kkonfermat li lil Micallef ma ngħatatlu l-ebda twiddiba, aħseb u ara kemm spiċċa mkeċċi mix-xogħol. L-appellat qal illi li kieku huwa minnu li s-soċjetà appellanta kienet temmen li huwa kien jistħoqqlu jitkeċċa mill-impjieg, din kellha tagħmel l-istess mal-persuna li suppost daħal għax-xogħol u ma daħalx.

17. L-appellat qal li t-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa wieħed stramb, partikolarment meta wieħed iqis il-mod voċiferu li bih is-soċjetà appellanta ħarġet tiskredita r-reputazzjoni u l-karattru tal-appellat. Qal li kien hawn fejn it-Tribunal innota l-attakk insensat li ppruvat tagħmel is-soċjetà appellanta fuq il-karattru tal-appellat, li kompliet toħroġ biċ-ċar kemm din it-tkeċċija kienet waħda inġusta, u kemm il-każ tal-10 ta' Jannar, 2020 kien biss paraventu għal intenzjonijiet oħra li kellha s-soċjetà appellanta biex teħles minnu. Qal li f'settur bħal dak li kien impjegat fih hu, ir-reputazzjoni hija l-aktar karatteristika importanti għall-impjegat, u persuna fl-età tiegħu li fuq ir-*records* tax-xogħol ikollha mniżżel li tkeċċiet għal raġunijiet dixxiplinarji, ma tistax issib impjieg alternattiv malajr.

18. Dwar ir-raba' aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, l-appellat għamel riferiment għall-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 475, li jistipula li meta t-Tribunal jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens, dan għandu jqis id-danni reali u t-telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta, kif ukoll ċirkostanzi oħra, bħall-età u s-snajja' tal-istess ħaddiem. Qal li t-Tribunal iffoka fuq diversi punti li sawru d-deċiżjoni tiegħu fl-għoti tal-kumpens meta jkun hemm prova ta' terminazzjoni inġusta, fosthom iż-żmien li impjegat idum mingħajr xogħol, it-tentattivi ta' tfittxija għal xogħol ġdid, is-salarju tal-impjegat, l-ispejjeż inkorsi sabiex tiġi ppruvata t-terminazzjoni inġusta, it-tul ta' żmien tal-impjieg, u r-reputazzjoni li l-impjegat kellu fl-industrija. Qal li kienu dawn il-punti li kkonsidra t-Tribunal sabiex wasal biex jiffissa l-kumpens li għandu jitħallas lilu. L-appellat qal li huwa kien ilu żmien twil jaħdem bħala *security* ġewwa l-*cargo operations* fl-Air Malta, u kompla jaħdem mas-soċjetà appellanta meta din assorbiet in-

negozju tas-soċjetà Sterling Security. Qal li huwa nżamm fuq il-kotba tal-kumpannija għaliex huwa kien wieħed mill-aqwa impjegati f'xogħlu, imma minkejja dan wara t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, huwa sofra ħafna telf ta' flus u dan fl-isfond tal-fatt li l-ebda kumpannija oħra ma kienet sejra tħaddem persuna li tkeċċiet abbażi ta' dixxiplina. Qal li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg tellfitu ħafna mir-reputazzjoni li kien igawdi ta' bniedem rett u metikoluż. L-appellat qal li l-kumpens li ġie likwidat mit-Tribunal favur tiegħu jammonta għal madwar tmintax-il xahar salarju, li huwa l-istess tul ta' żmien li huwa ilu mkeċċi mill-impjieg.

19. Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru, 2021, din il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetà appellanta permezz ta' rikors tas-7 ta' Settembru, 2021, sabiex tippreżenta għadd ta' *affidavits* dwar fatti li ġew għall-konjizzjoni tagħha wara li ngħatat id-deċiżjoni appellata, u li din il-Qorti stabbiliet li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-mertu tal-appell.

20. **Carmelo Micallef**, fl-*affidavit* tiegħu[1] qal li huwa kien jaħdem mal-appellat mal-kumpannija Signal 8 Security Services Limited, u kien ilu jaf lill-appellat madwar ħmistax-il sena. Spjega li fil-bidu ta' Jannar 2020, huwa kien jaħdem ma' Signal 8 bir-*roster,* fuq xiftijiet ta' tmien sigħat kull wieħed. Qal li darba minnhom huwa kellu jkun xogħol fit-taqsima tal-*cargo operations* tal-Air Malta għal xift matul il-lejl. Spjega li xi jiem qabel l-10 ta' Jannar, 2020, kien avviċinah l-appellat, u talbu biex jibdlu d-data tax-xift għax l-appellat kellu ħafna affarijiet f'ħajtu. Qal li huwa kien aċċetta li ssir din il-bidla. Qal li madwar jumejn

[1] *A fol.* 31 tal-proċess.

wara li sar dan il-ftehim, huwa reġa' ltaqa' mal-appellat u għal darb'oħra dan qallu li kien ser ikun hemm bidla fix-xiftijiet. Qal li l-ftehim dejjem kien li min irid jibdel ix-xift għandu javża lis-superjuri tiegħu hu, u mhux min jaċċetta li ssir il-bidla. Qal li fil-11 ta' Jannar, 2020 kien ċempillu Jonathan Aquilina u staqsieh fejn kien il-lejl ta' qabel, u qal li huwa kien wieġbu li l-lejl ta' qabel kien rieqed. Qal li l-*operations manager* ma kienx jaf b'din il-bidla għaliex l-appellat ma kienx infurmah b'dan, filwaqt li Aquilina baqa' jinsisti li fl-10 ta' Jannar, 2020 ma kien hemm ħadd għax-xift. Ix-xhud qal li dakinhar huwa kien qala' twissija verbali. Ix-xhud qal li madwar ġimgħa wara kien reġa' kkuntattjah l-appellat, u kien qallu li ma kellux għalfejn imur jagħmel ix-xift li x-xhud ftiehem mal-appellat li ser jaħdem minfloku, għaliex kien ser jaħdmu huwa wkoll. Qal li ftit qabel kien ikkuntattjah l-appellat, u kien qallu biex jekk jikkuntattjah xi ħadd mis-soċjetà appellanta, huwa kellu jwieġeb li kien nesa kollox. Qal li wara li spiċċaw il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, huwa kien sar jaf li l-appellat gideb dwaru, għaliex mhux minnu li huwa kien talbu jkoprih waqt ix-xift, nofs siegħa qabel kellu jibda x-xift. Ix-xhud qal li l-appellat naqas li javża lill-kumpannija bil-bidla fix-xift. Huwa qal li mhux l-ewwel darba li saret xi spezzjoni fuqu sabiex jiġi determinat jekk huwa kienx irrapporta għax-xogħol.

21. **Adonis Belli** fl-*affidavit* tiegħu[2] qal li huwa kien jaħdem mal-appellat mal-kumpannija appellanta. Qal li l-appellat huwa bniedem li wieħed diffiċli jilħaq kompromess miegħu, għaliex jaħseb li dak li jgħid hu dejjem tajjeb. Qal ukoll li l-appellat ta' spiss kien jitlob biex jibdel ix-xiftijiet miegħu, u l-appellat kien jikkuntattja lil kulħadd fuq ix-xogħol b'dan il-għan. Dan ix-xhud allega li ġieli kien

[2] *A fol.* 32 tal-proċess.

hemm tibdil fix-xiftijiet mal-appellat, u dan tal-aħħar kien iwissih biex ma jinfurmax lill-uffiċċju, ħalli kollox jibqa' bejniethom.

22. **Floyd Grech**, fl-*affidavit* tiegħu[3] qal li huwa *general manager* tas-soċjetà intimata, u huwa jiġi t-tifel tad-direttur tagħha. Qal ukoll li huwa ilu jaf lil Mario Farrugia u lil Carmelo Micallef għal madwar tliet snin. Qal li qabel l-10 ta' Jannar, 2020, huwa kien diġà jaf li hemm taħwid bix-xiftijiet għaliex meta kien evalwa r-*rosters* tal-kumpannija, kien sab li kien hemm min kellu sigħat aktar minn oħrajn. Qal li wieħed mill-impjegati li kien jispikka f'dan, kien proprju l-appellat. Qal li meta kien jiltaqa' mal-klijent tal-kumpannija, l-Air Malta Cargo, partikolarment mal-*manager* John Grixti, dan kien ifaħħar ħafna lill-appellat, iżda kien hemm bosta impjegati oħra li kienu jmaqdruh għaliex kienu jgħidu li huwa kiesaħ u li kien jisraq l-ilma. Qal li kien għalhekk li huwa tefa' għajnejh fuqu mill-ewwel. Ix-xhud qal li l-appellat kien iħoss li huwa fuq sħabu, tant hu hekk li minkejja li ngħata uniformi bħall-kumplament tal-impjegati, huwa kien jilbes uniformi kif irid hu. Qal li l-kumpannija tħaddem għadd ta' *night patrollers* li kienu jassiguraw li l-ħaddiema qegħdin fuq xogħolhom, u kien hemm li esponenti tas-soċjetà appellanta indunaw li kien hemm tibdil ta' xiftijiet mhux awtorizzat mill-uffiċċju. Qal li l-appellat beda jieħu l-kunfidenza li jżuru fl-uffiċċju mingħajr appuntament, u kull meta kien jitkellem miegħu dan kien jallega li ħafna minn sħabu fuq il-post tax-xogħol ma kinux tajbin f'dak li jagħmlu. Ix-xhud qal li l-appellat dejjem kien jistaqsi l-istess affarijiet, u kien hemm drabi meta huwa stess bagħtu d-DIER sabiex jikkonferma li kien qiegħed jitħallas tajjeb. Ix-xhud qal li huwa sar jaf bil-każ tal-10 ta' Jannar, 2020 l-għada filgħodu, għaliex

[3] *A fol.* 33 tal-proċess.

in-*night patroller* ma kien sab lil ħadd għal dak ix-xift. Qal ukoll li matul il-lejl kienu ppruvaw jikkuntattjaw lil Carmelo Micallef, li kien jidher fuq ir-*roster,* u ma qabduhx, u kien għalhekk li filgħodu sar kuntatt ma' Carmelo Micallef u dan infurmah li l-appellat kellu javża lill-uffiċċju għax ried li jibdel ix-xift. Qal li l-appellat kellu jkun xogħol bejn is-sitta u l-ħdax ta' filgħodu u għalhekk sabha diffiċli jemmen li dan kien ħadem ukoll ix-xift ta' ħaddiem ieħor, għaliex dan kien ser ikun xift twil immens, ta' aktar minn erbatax-il siegħa. Qal ukoll li fit-13 ta' Jannar, 2020 inġabru l-*log books* u qal li dawn il-kotba setgħu faċilment jiġu manipulati għaliex jinkitbu bl-idejn. Ix-xhud qal li l-appellat kien qiegħed juża l-*log book* sabiex abbażi tiegħu jitlob ħlas għall-*overtime* li ma jkunx ħadem.

23. L-appellat għamel il-kontro-eżamijiet tax-xhieda li ppreżentaw l-*affidavits* tagħhom quddiem din il-Qorti. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2021, sar il-kontro-eżami ta' Carmelo Micallef[4], li qal li huwa għadu jaħdem mas-soċjetà appellanta. Qal li huwa sar jaf bil-każ tal-appellat mill-aħbarijiet, wara li ngħatat id-deċiżjoni tat-Tribunal, u qal li qabel sema' bid-deċiżjoni li ngħatat, huwa ma kienx jaf li kien hemm proċeduri għaddejjin fil-konfront tal-appellat. Qal li l-appellat kien talbu biex jixhed quddiem it-Tribunal, iżda huwa kien qallu li ma kienx jinqala'. Ix-xhud qal li dakinhar tal-10 ta' Jannar, 2020, kien l-appellat li talbu għal tibdil fix-xift, u huwa kien aċċetta. Għas-suġġeriment li sarlu li huwa ma daħalx xogħol minħabba problemi ta' saħħa, ix-xhud qal li ma kien vera xejn li dakinhar huwa kellu problemi ta' saħħa. Ix-xhud ikkonferma li wara l-każ tal-10 ta' Jannar, 2020, is-soċjetà appellanta lilu kienet naqqsitlu tmien sigħat mil-*leave* tiegħu talli ma kienx daħal xogħol dakinhar, u kien irċieva

[4] *A fol.* 51 tal-proċess.

wkoll twissija verbali. Ix-xhud qal li huwa ċert li dakinhar tal-każ in kwistjoni, huwa ma kienx ma jiflaħx, iżda kien bidel ix-xift mal-appellat. Ix-xhud qal li wara li sema' bil-każ tal-appellat mill-aħbarijiet, huwa kien ikkuntattja lill-appellat, iżda dan kien qallu li l-każ kien magħluq.

24. Waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2022 saru l-kontro-eżamijiet ta' **Adonis Belli**[5] u ta' **Floyd Grech**.[6] **Adonis Belli** qal li huwa sar jaf bil-każ tal-appellat kontra s-soċjetà appellanta mingħand Floyd Grech, li kien talbu jmur għand in-nutar biex jagħmel *affidavit.* Qal li huwa wkoll ingħata twissija verbali talli kien hemm drabi meta bidel ix-xift mingħajr ma avża lis-superjuri tiegħu, u kull meta bidel ix-xift mal-appellat, dan kien jgħidlu li hu kien ser jieħu ħsieb jagħmel l-arranġamenti neċessarji.

25. Ix-xhud **Floyd Grech** qal li s-soċjetà appellanta hija kumpannija ta' missieru, u huwa ħadem f'diversi oqsma tal-kumpannija, sakemm illum laħaq *general manager.* Spjega li dakinhar li seħħ il-każ li wassal għal dawn il-proċeduri, huwa kien *general manager* u huwa sar jaf mill-*field officer* li meta sar *patrol* fil-*cargo section* tal-Air Malta ma sab lil ħadd. Ix-xhud qal li l-appellat kien jiffroda lil sħabu u kien iħalli l-post tax-xogħol waħdu għal tul ta' żmien. Qal ukoll li huwa spiss kien jibgħat għall-appellat biex ikellmu, u kien anki kellmu dwar il-fatt li huwa kellu jilbes uniformi bħal sħabu l-oħra, li kienet ipprovduta lilu mis-soċjetà appellanta. Ix-xhud qal li kien hemm rapporti fil-konfront tal-appellat minħabba l-mod kif dan kien iġib ruħhu. Ix-xhud qal li huwa kien sar jaf li l-appellat kien ibiddel ix-xiftijiet ma' sħabu mingħajr ma jinforma lis-superjuri

[5] *A fol.* 63 tal-proċess.
[6] *A fol.* 71 tal-proċess.

tiegħu, sabiex itella' aktar sigħat mill-massimu ta' 173 siegħa. Ix-xhud ikkonferma li l-ħaddiema tal-kumpannija ma jitħallsux tal-*overtime.* Qal ukoll li minkejja li drabi oħra l-appellat ingħata twissija, f'dan il-każ partikolari huwa tkeċċa mill-impjieg, u dan mingħajr ma l-appellat ingħata ċ-ċans jiddefendi ruħhu jew jgħid tiegħu dwar dak li kien ġara.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

26. Il-Qorti sejra tibda billi tikkonsidra dak li jirriżulta mill-provi miġjuba għall-ewwel darba quddiem din il-Qorti, konsistenti fix-xhieda ta' tlieta min-nies li jaħdmu mas-soċjetà appellanta, wieħed minnhom *general manager* tal-istess kumpannija. Il-Qorti tibda billi tosserva d-diskrepanza evidenti fil-provi miġjuba mill-appellat, u dak li allegaw uħud mill-kollegi tiegħu u l-*management* tal-kumpannija, jiġifieri x'kien li wassal biex fl-10 ta' Jannar, 2020, l-appellat daħal xogħol wara li bidel ix-xift tal-kollega tiegħu Carmelo Micallef. L-appellat jgħid li dakinhar kien hemm tibdil fix-xift għaliex Micallef kellu emerġenza personali, u għalhekk dan kien talab lill-appellat biex ikoprih minħabba din l-emerġenza li nfurmah biha madwar nofs siegħa qabel kellu jibda x-xift. Carmelo Micallef, qal quddiem din il-Qorti, li dan ma kienx minnu, u kien l-appellat li avviċinah u talbu jibdillu x-xift. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija saret taf b'ċerti aspetti tal-imġiba tal-appellat wara li ngħatat id-deċiżjoni tat-Tribunal, u kien in vista ta' din id-deċiżjoni li kien hemm numru ta' impjegati li wrew ix-xewqa li jagħtu l-verżjoni tagħhom dwar l-imġiba tal-appellat. Carmelo Micallef saħansitra xehed li huwa ma kienx jaf bil-proċeduri legali li kienu għaddejjin bejn l-appellat u s-soċjetà appellanta quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-ewwel darba li sar jaf li

bejn il-partijiet kien hemm pendenzi legali, kien meta sema' fl-aħbarijiet bid-deċiżjoni li ngħatat mit-Tribunal. Iżda fl-istess waqt ix-xhud ammetta li l-appellat kien avviċinah sabiex jitla' jixhed quddiem it-Tribunal, imma huwa kien qallu li ma jinqalax għal xi ħaġa bħal din. Din il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija minn Micallef fiha għadd ta' kontradizzjonijiet, tant hu hekk li f'mument minnhom qal li hu ma kienx jaf bil-proċeduri legali li kienu għaddejjin, u ftit wara ammetta li l-appellat kien avviċinah biex jitla' jixhed quddiem it-Tribunal. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen ukoll li din l-imġiba tal-appellat kienet ilha għaddejja ħafna żmien, kif allegaw uħud mill-kollegi tiegħu, imma kien biss wara li ngħatat id-deċiżjoni tat-Tribunal, li l-impjegati li suppost kienu mdejqin b'din l-imġiba, tkellmu ma' esponenti tas-soċjetà appellanta dwar dan.

27. Il-Qorti tosserva kif l-impjegati tas-soċjetà appellanta li tresqu biex biex jixhdu quddiemha, ilkoll qalu li kien l-obbligu tal-appellat li jinforma lis-superjuri tiegħu bit-tibdil fix-xiftijiet, għaliex kien huwa li talab dan it-tibdil. Minkejja dan, il-Qorti tqis li kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għal dan it-tibdil fix-xiftijiet, ħaddiem tal-affari tiegħu li jkun bidel ix-xift ma' kollega tiegħu, ma jibqax id-dar għall-kwiet mingħajr ma tal-anqas jieħu l-iżbriga li jinforma lill-*management* b'dan it-tibdil, jekk xejn sabiex jeħles mill-oneru tar-responsabbilità f'każ li waqt dak ix-xift jinqala' xi ħaġa li jrid iwieġeb għaliha min ikun xogħol. Minkejja li kemm Adonis Belli kif ukoll Carmelo Micallef, xehdu li kien obbligu tal-appellat li jinforma lis-superjuri tiegħu bit-tibdil li kien hemm, il-Qorti tosserva li kull ħaddiem kellu l-obbligu jaċċerta ruħhu li min suppost li biddillu x-xift, kien informa lill-*management* bit-tibdil li sar.

28. Kontradizzjoni evidenti oħra li sabet il-Qorti mill-evalwazzjoni tal-provi li nġabu quddiemha, hija fix-xhieda ta' Floyd Grech, li qal li kien diffiċli għalih li jemmen li l-appellat ħadem xift ta' erbatax-il siegħa, u wara li kopra x-xift li kellu jaħdem Carmelo Micallef, huwa ħadem ix-xift tiegħu ukoll. Fl-istess waqt li ntefa' dan id-dubju dwar jekk huwiex minnu li l-appellat ħadem ix-xift tal-10 ta' Jannar, 2020 bil-lejl, is-soċjetà appellanta fl-appell tagħha spjegat fid-dettall l-iskema li fil-fehma tagħha kienet qed titħaddem mill-impjegati tagħha bit-tibdil fix-xiftijiet, b'tali mod li saħansitra ġie allegat li kien hemm drabi fejn fuq il-post tax-xogħol ma kien hemm ħadd, iżda l-ħaddiema tagħha tħallsu xorta waħda għal xiftijiet li ma nħadmux. Iżda din il-Qorti tqis, li minkejja d-dubji kollha li ntefgħu fuq 'l-iskema' li allegatament kienet qed titħaddem mill-appellat u minn impjegati oħra tas-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellanta ma ġabet l-ebda prova konkreta li fil-fatt hekk kien qiegħed isir. Minkejja d-deskrizzjoni dettaljata li ngħatat dwar drabi meta kien hemm tibdil fix-xiftijiet u l-impjegati baqgħu d-dar minflok irrappurtaw għax-xogħol, il-Qorti tirrileva li s-soċjetà appellanta ma ġabet lanqas prova waħda li kien hemm istanzi fejn il-*cargo operations section* tal-Air Malta tħalliet mingħajr sigurtà għaliex il-ħaddiema tagħha ma rrappurtawx għax-xogħol.

29. Is-soċjetà appellanta, u partikolarment Floyd Grech fix-xhieda tiegħu, allegaw li kien hemm diversi istanzi ta' imġiba mhux xierqa da parti tal-appellat, ewlenija fosthom il-pretensjoni tiegħu li jitħallas għal sigħat żejda, meta l-kumpannija ma kinitx f'qagħda li tħallas għall-*overtime.* L-appellat fix-xhieda tiegħu diversi drabi qal li huwa qatt ma tħallas għall-*overtime.* Dan kien korroborat saħansitra mill-*general manager* tal-istess kumpannija Floyd Grech,

li fix-xhieda tiegħu qal li l-ħaddiema tas-soċjetà appellanta ma jitħallsux għall-*overtime,* u dan fl-istess waqt li xehed li l-appellat kien jaħdem sigħat iżjed milli suppost sabiex ikun jista' jiġġieled għall-ħlas tas-sahra. Hawn ukoll hawn kontradizzjoni kbira f'dak li xehed Grech.

30. Il-Qorti tosserva wkoll li minkejja d-dellijiet koroh li s-soċjetà appellanta ppruvat titfa' fuq l-appellat, saħansitra billi allegat li dan kien jisraq l-ilma minn fuq il-post tax-xogħol, mill-provi rriżulta li meta saret spezzjoni dan kellu biss fliexken vojta fil-pussess tiegħu, l-allegazzjonijiet tas-soċjetà appellanta ma ġew ippruvati bl-ebda mod. Hekk per eżempju s-soċjetà appellanta setgħet tippreżenta l-kopji tat-*time sheets* u tal-*log books,* li hija qegħda tibni l-każ tagħha fuqhom, bħala prova li l-appellat verament kien jitlob ħlas jew saħansitra jitħallas għal sigħat żejda, iżda dan ma sarx. Lanqas kopja tal-*pay slip* tal-appellat ma ġiet ippreżentata, sabiex jintwera kif xahar wara xahar dan kien qiegħed jippretendi ħlas għal sigħat żejda maħduma minnu. Għaldaqstant il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen il-verżjoni mogħtija mis-soċjetà appellanta, li tul dawn il-proċeduri naqset milli tipprova l-allegazzjonijiet tagħha bi provi li għandha fil-pussess tagħha.

Hawnhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal illimita ruħhu għall-konsiderazzjonijiet dwar l-intenzjoni tal-appellat]*

31. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħasset ruħha għaliex it-Tribunal illimita ruħhu għall-konsiderazzjoni dwar jekk l-appellat kellux intenzjonijiet frawdolenti fl-imġiba tiegħu, u dan meta allegatament kien hemm diversi provi li l-appellat mar kontra r-regoli tal-kumpannija, b'tali mod li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kellha titqies li hija ġustifikata.

32. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju, jekk xejn għaliex minn qari tad-deċiżjoni appellata jirriżulta li mhuwiex minnu li t-Tribunal illimita ruħhu għall-eżerċizzju fejn iddetermina jekk l-appellat kellux intenzjonijiet frawdolenti jew le. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-prova li kien hemm tibdil fix-xiftijiet da parti tal-appellat, kellha tikkostitwixxi prova suffiċjenti li hija kellha raġuni ġusta biex tittermina l-impjieg tal-appellat. Imma din il-Qorti tirrileva li kienu esponenti tas-soċjetà appellanta stess li xehdu li t-tibdil tax-xiftijiet kienet prassi li kienet ilha għaddejja bejn ħafna mill-impjegati tas-soċjetà appellanta, imma minkejja dan, kien biss l-appellat li ġie dixxiplinat b'dak li t-Tribunal sejjaħlu "il-piena kapitali" fil-liġi tal-impiegi, għaliex kien l-appellat biss li tkeċċa mill-impjieg. It-Tribunal ma kkonkludiex biss li ma kien hemm l-ebda aġir frawdolenti jew kriminali da parti tal-appellat, kif allegat ripetutament is-soċjetà appellanta, iżda ikkonkluda li l-appellat safa ddixxiplinat, filwaqt li impjegati oħra baqgħu impjegati mas-soċjetà appellanta. Il-Qorti tqis ukoll il-kwalità tal-provi miġjuba mis-soċjetà appellanta, u l-fatt li din ma ġabitx prova waħda konkreta li dak allegat minnha, inkluż id-dettalji dwar 'l-iskema' li kien qiegħed iħaddem l-appellat sabiex itella' sigħat iżjed mill-massimu stabbilit, jiġi ppruvat. Fuq kollox, il-Qorti tqis li s-soċjetà appellata ma ġabet l-ebda prova li tikkonferma li dakinhar li seħħ il-każ li wassal għal dawn il-proċeduri, fil-post tax-xogħol in

kwistjoni ma kien hemm ħadd, jew li l-appellat mhux veru ħadem ix-xift in kwistjoni. Dan meta mill-provi ħareġ bl-aktar mod ċar li dan huwa post tax-xogħol li jħaddem sigurtà stretta, fejn il-proċeduri tas-sigurtà jiġu osservati strettament. Fuq kollox, il-Qorti tirrileva li s-soċjetà appellanta ma ressqitx biex jixhdu lin-*night patrollers,* li allegatament marru fil-post in kwistjoni, u rrappurtaw li ma fetħilhom ħadd mill-uffiċjali tas-sigurtà. Din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, għaliex mhux minnu li t-Tribunal ibbaża ruħhu biss fuq jekk kienx hemm intenzjoni frawdolenti jew le, iżda qies għadd ta' fatturi oħrajn. Il-fatt li l-konklużjonijiet tat-Tribunal ma jogħġbux lis-soċjetà appellanta, mhijiex raġuni għalfejn jingħadu ċerti affarijiet dwar il-mod kif it-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Is-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta ma ġewx ikkonsidrati]*

33. Is-soċjetà appellanta allegat li t-Tribunal ma kienx imparzjali fid-deċiżjoni tiegħu, u ta piż akbar lill-allegazzjonijiet tal-appellat milli lis-sottomissjonijiet miġjuba minnha. F'dan l-aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta spjegat fid-dettall l-istrataġemma li fil-fehma tagħha kienet qegħda titħaddem mill-appellat sabiex dan jitħallas ta xiftijiet li ma jkunx ħadem. Allegat saħansitra li dan kien qiegħed jilagħab bir-*roster* u li bosta mill-ħaddiema tagħha kienu qegħdin jitħallsu għall-*overtime,* minkejja li jaħdmu biss 173 siegħa.

34. Għar-raġunijiet spjegati diġà, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-aggravju miġjub mis-soċjetà appellanta. Din il-Qorti awtorizzat lis-soċjetà appellanta tressaq provi li ma ngħabux quddiem it-Tribunal, wara li s-soċjetà appellanta sostniet li hija ma kinitx taf b'dawn il-provi, iżda minn evalwazzjoni tal-provi miġjuba għall-ewwel darba quddiem din il-Qorti, hija ma tistax tasal għal konklużjoni diversa minn dik li wasal għaliha t-Tribunal. Dan għaliex minkejja l-provi ġodda li ġew prodotti, ma hemm xejn li jindika li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet ġustifikata, f'ċirkostanzi fejn ħaddieħor, li għamel l-istess affarijiet li qiegħed jiġi akkużat bihom l-appellat, inżamm fl-impjieg. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal kienu wkoll l-ewwel opportunità li kellu l-appellat biex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw, għaliex is-soċjetà appellanta lanqas proċess dixxiplinarju fejn jingħata smigħ xieraq lill-appellat, ma għamlet. Il-Qorti tirrileva għal darb'oħra, illi l-fatt li l-provi jew in-nuqqas tagħhom, juru li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, ma jfissirx li din l-Qorti u t-Tribunal qiesu biss il-verżjoni mogħtija mill-appellat. Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, partikolarment dak li qal Floyd Grech waqt il-kontro-eżami li sarlu, ma jirriżultax li l-appellat jew xi impjegat ieħor tas-soċjetà appellanta qatt ingħata ħlas għall-*overtime,* u għalhekk din il-Qorti għandha diffikultà kbira tifhem għal liema raġuni s-soċjetà appellanta bniet il-każ tagħha madwar il-pretensjoni li l-appellat ried jitħallas għal sigħat żejda, meta dan ma kienx permess. Fuq kollox, ma ngħabet l-ebda prova la li l-appellat qatt ingħata ħlas għall-*overtime* u lanqas li l-appellat ma rrapurtax għax-xogħol dakinhar tal-10 ta' Jannar, 2020. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[deċiżjoni bbażata fuq ir-reputazzjoni tal-appellat]*

35. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wkoll għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal ħareġ mill-parametri li tagħtih il-liġi, u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq it-telfin tar-reputazzjoni tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermetti l-ebda għoti ta' kumpens għat-telf tar-reputazzjoni tal-impjegat.

36. Il-Qorti tqis li kif jirriżulta mill-provi, is-soċjetà appellanta għamlet minn kollox biex titfa' dell ikrah fuq il-komportament tal-appellat, mill-mod kif kien jilbes biex imur ix-xogħol, sa allegazzjonijiet li dan kien jisraq l-ilma, xi ħaġa li ma ġietx ippruvata, sa allegat li dan kien qiegħed iħaddem strataġemma biex jitħallas għas-sahra, meta rriżulta li ħadd mill-impjegati tas-soċjetà appellanta ma kien jitħallas għas-sahra. L-appellat fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal għaliex ħassu aggravat li bl-akkużi li saru fil-konfront tiegħu u bit-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, ir-reputazzjoni tiegħu sfat imtappna. Il-proċess legali li sar quddiem it-Tribunal ta raġun lill-appellat. Dan ma jfissirx li t-Tribunal illikwida kumpens wara li qies biss li r-reputazzjoni tal-appellat ġiet imtappna, għaliex it-talba li kellu quddiemu t-Tribunal kienet sabiex dan jillikwida kumpens wara li jiddeċiedi jekk it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kinitx ġustifikata jew le. Il-fatt li ġie deċiż li s-soċjetà appellanta ma kinitx ġustifikata tittermina l-impjieg tal-appellat, awtomatikament wassal lit-Tribunal jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar ir-reputazzjoni tal-appellat. Dan ma jfissirx li t-Tribunal ħareġ barra mill-parametri permessi mil-liġi u llikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-

appellat abbażi biss tat-telf tar-reputazzjoni tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[il-likwidazzjoni tal-kumpens]*

37. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma spjegax b'liema mod wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, partikolarment meta wieħed iqis li dan ilu numru ta' snin li laħaq l-età pensjonabbli. L-appellat sostna li t-Tribunal qies diversi ċirkostanzi biex wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens, u l-kumpens li ġie deċiż li għandu jitħallas lilu jikkombaċja mat-tmintax-il xahar salarju li huwa tilef kemm ilu li tkeċċa mill-impjieg.

38. Din il-Qorti permezz tas-sentenzi tagħha kemm-il darba sostniet li d-deċiżjonijiet tat-Tribunal għandhom ikunu mmotivati, u li dan għandu jispjega b'mod ċar fuq liema bażi huwa jsejjes il-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas. L-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 jispeċifika illi:

> "Meta, fuq ilment magħmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –
>
> (a) F'każ ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew biex jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija. Iżda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja' tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."

39. Il-Qorti hawn tagħmel riferiment għal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Publius Davison *vs.* De La Rue Currency and Security Print Limited**, mogħtija fit-23 ta' April 2018, fejn ingħad:

> *"... Ir-rikorrent tkeċċa inġustament u għandu jedd li jirċievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-deċiżjoni ħażina li ħa l-prinċipal. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn każijiet ta' tkeċċija inġusta għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti minn każijiet oħrajn fejn l-attur ikollu l-jedd jippretendi d-danni. Il-liġi hi ċara dwar dak li t-Tribunal għandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens u meta t-Tribunal ikun qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni għandu jispjega b'mod ċar u li jiftiehem kif u għalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-prinċipal iħallas. Id-diskrezzjoni ma jfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura għandu jedd jippretendi t-telf li jkun sofra.*
>
> *Ovvjament min-naħa l-oħra t-Tribunal għandu wkoll jieħu in konsiderazzjoni ċirkostanzi bħad-danni tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjetà fil-kondotta li tkun wasslet għat-tkeċċija. Hawn tidħol id-diskrezzjoni. Hu fatt li t-Tribunal għandu d-diskrezzjoni però din trid tkun eżerċitata b'mod raġonevoli u li tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u d-deċiżjoni tkun motivata."*

40. Din il-Qorti tqis it-Tribunal naqas milli jispjega fid-dettall għal liema raġunijiet kien qiegħed jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat bil-mod kif ġie likwidat. In vista ta' dan in-nuqqas, il-Qorti sejra tordna li l-atti ta' dan il-każ għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali, sabiex fi żmien għaxart ijiem minn din id-deċiżjoni, dan jagħti motivazzjoni dettaljata tas-somma likwidata bħala kumpens, u dan għall-finijiet ta' trasparenza u sabiex il-partijiet kollha fil-kawża jkunu mgħarrfa eżattament b'liema mod ġie kkomputat l-imsemmi kumpens.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħad l-ewwel tliet aggravji sollevati minnha, tilqa' r-raba' aggravju, u tordna li l-atti tal-każ jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem minn din id-deċiżjoni, jagħti motivazzjoni eżatta u dettaljata tal-mod kif ġie likwidat il-kumpens minnu.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu kwantu għal kwart mill-appellat, u kwantu għal tliet kwarti mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**